



Brussell, 11 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9654/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0142(NLE)

TRANS 384
MAR 97
ENV 413

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 9653/21
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-ġbir, id-depożitu u l-akkoljenza tal-iskart iġġenerat matul in-navigazzjoni fuq ir-Renu u passaġġi fuq l-ilma interni oħra (CDNI) dwar l-adozzjoni tar-risoluzzjoni li għandha l-għan li testendi l-projbizzjoni tal-iskariku tal-ilma domestiku mormi minn bastimenti ta' passaġġi fuq l-ilma interni li jgħorru bejn 12 u 50 passiġġier – Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-11 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-Konferenza tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-ġbir, id-depożitu u l-akkoljenza tal-iskart iġġenerat matul in-navigazzjoni fuq ir-Renu u passaġġi fuq l-ilma interni oħra ("CDNI").
3. Il-Konferenza tal-Partijiet Kontraenti, matul il-laqgħa tagħha tat-22 ta' Ġunju, mistennija tadotta risoluzzjoni bil-għan li testendi l-projbizzjoni fuq l-iskariku ta' ilma domestiku mormi minn bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni li jgħorru bejn 12 u 50 passiġġier, fl-interess ta' protezzjoni ambjentali aħjar.

4. Id-dispożizzjonijiet tar-risoluzzjoni jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
5. Ħames Stati Membri tal-UE (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u n-Netherlands) u l-Iżvizzera huma parti għas-CDNI. L-Unjoni mhijiex parti kontraenti għas-CDNI.

II. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

6. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fis-7 ta' Ġunju 2021, abbażi ta' kopja informali minn qabel tal-proposta tal-Kummissjoni. Wara dik il-laqgħa, id-delegazzjonijiet ingħataw il-possibbiltà li jagħtu kummenti dwar il-proposta. L-ebda delegazzjoni ma oġġezzjonat għall-proposta.
7. Wara l-ftehim milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

III. KONKLUŻJONIJIET

8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina u japprova l-abbozz ta' deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument ST 9655/21, imħejji mis-servizz tal-ġuristi lingwisti, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni.
9. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

¹ Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).